MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Numru 16/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Carmel Saliba**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fis-6 ta' Jannar 2012 dwar eccezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat. L-akkużat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fil-11 ta' Jannar 2012.

**2.** Carmel Saliba kien akkużat, permezz ta' Att ta' Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fit-30 ta' Ġunju 2011 (nru 16/2011) li: (1) dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna/i jew li jqiegħed il-ħajja tagħha/tagħhom f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu; (2) mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet; (3) fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon (arma tan-nar), jew xi imitazzjoni ta' arma tan-nar, u dan mingħajr għan leġittimu; (4) mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal- Pulizija, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu, jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon; (5) xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u ċioe` arma tan-nar (senter) ta' l-għamla beretta bin-numru serjali D39291E, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom; (6) meta' ġie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xort'oħra milli b'liċenza, naqas milli minnufiħ jagħti avviż tagħha lill-Kummissarju tal-Pulizija; (7) volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq
ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); (8) attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, kontra diversi persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li jkun qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti; (9) m' obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l- awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jħallihx jew ifixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, jindaħal fi dmiru, billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun; (10) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; (11) volontarjament qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, li jikkonsisti fi kliem jew espressjonijiet ta'

dagħa; (12) volontarjament ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi; (13) saq motor-car jew vettura oħra mingħajr liċenzja tas-sewqan, jew motor-car jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż;

**3.** Fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant indika li kien qiegħed jappella mid-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti dwar l-ewwel, it-tielet, ir-raba', u s-sitt eċċezzjonijiet tiegħu;

**4.** Permezz ta' dawn l-eċċezzjonjieti fin-nota ta' eċċezzjonijiet ippreżentata fil-21 ta' Lulju 2011 l-akkużat appellant eċċepixxa:

"1. In-nullita' tal-għaxar kap in kwantu l-fatt miġjub ma jikkostitwix ir-reat miġjub jew deskritt fl-istess kap.

"3. L-inammissibilita'` tal-istqarrija magħmula lill-Pulizija (a fol 41 et seq) u tal-istqarrija magħmula fl-inkjesta maġisterjali (a fol 121 et seq) tal-eċċipjent u ta' kwalsiasi referenza ta' dak minnu mistqarr lil xhied oħra in kwantu ttieħdu mingħajr ma kkonsulta ma' avukat u mingħajr ma kellu avukat preżenti waqt it-teħid tagħhom.

"4. L-inammissibilita' tar-relazzjoni ta' Dr Stefano Filletti (a fol 198 et seq) in kwantu hija in vjolazzjoni tat-tielet *proviso* tal-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali.

"6. L-inammisibbilita` tax-xhieda u tar-relazzjonijiet rispettivi ta' PC 1525 Patrick Farrugia, PS Alfio Borg u PC 881Charles Grech in kwantu ma ngħataw ebda nomina mill-Maġistrat Inkwirenti."

**5.** Fil-partijiet rilevanti tas-sentenza taghha dwar dawn l-eċċezzjonijiet, l-ewwel Qorti qalet hekk:

**"L-Ewwel Eċċezzjoni – In-Nullita' tal-Għaxar Kap.**

**"L-eċċezzjoni hija din:**

**"'In-nullita` tal-għaxar kap in kwantu l-fatt miġjub ma jikkostitwix ir-reat miġjub jew deskritt fl-istess kap.'**

**"Id-difiża ssottomettiet li dan il-Kap huwa dwar il-kontravenzjoni 338(dd) tal-Kap 9 u l-akkuża hija 'volontarjament iddisturba l-paċi u l-kwiet pubbliku.' Irreferiet għall-interpretazzjoni mogħtija mill-Qrati ta' din il-kontravenzjoni bħala waħda li tikkorrispondi għall-*breach of the peace* li fiha jkun hemm biża' dwar l-inkolumita` tal-persuni li jkunu preżenti. Dan il-biża' ma jidhirx rifless fil-parti narrativa.**

**"L-Avukat Ġenerali ma qabilx ma' din is-sottomissjoni għaliex huwa ssottometta li dan il-Kap jibda bil-kliem:**

**"'Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kapi ta' dan l-Att tal-akkuża u partikolarment b'referenza għall-fatti indikati fl-ewwel, fit-tmien u fid-disa' kapi..'**

**"Issa jekk wieħed jeżamina l-ewwel kap waħdu hemm dawn il-kelmiet:**

**"'Hemmhekk l-imsemmi Carmel Saliba dolożament u bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' diversi persuni f'perikolu ċar, spara diversi drabi lejn il-każin tan-Nazzjonalisti tal-Imqabba meta kien jaf li ġewwa kien hemm nies, fosthom nisa u tfal.'**

**"L-Avukat Ġenerali ssottometta li billi ssir referenza għal dak li jkun intqal fil-kapi ta' qabel, tkun evitat ħafna repetizzjoni għalxejn.**

**"Il-Qorti eżaminat il-kliem li għalih għamel referenza l-Avukat Ġenerali. Qed tiddeċiedi li dan huwa biżżejjed biex jissodisfa l-kap tan-narrativa skont il-Kap 9.**

**"Għaldaqstant qed tiċħad din l-eċċezzjoni.**
**"….**

**"It-Tielet Eċċezzjoni – L-inammissibilita' tal-Istqarrija**

**“It-tielet eċċezzjoni hija din:**

**“‘L-inammissibilita’ tal-istqarrija magħmula lill-Pulizija (a fol 41 et seq) u tal-istqarrija magħmula fl-inkjesta maġisterjali (a fol 121 et seq) tal-eċċipjent u ta’ kwalsiasi referenza ta’ dak minnu mistqarr lil xhieda oħra in kwantu ttieħdu mingħajr ma kkonsulta ma’ avukat u mingħajr ma kellu avukat preżenti waqt it-teħid tagħhom.’**

**“Il-Qorti eżaminat l-istqarrija a fol 41 ( meħuda fil-21 ta’ Diċembru 2008) kif ukoll dik a fol 121 (meħdua fil-21 ta’ Diċembru 2008). Fost affarijiet oħra l-akkużat qal hekk:**

**“‘Is-senter kien ikkargat meta jien ġibtu mid-dar għaliex jiena ngħix waħdi u għalhekk inżommu kkargat. Meta wasalt il-pjazza tal-Imqabba jien rajt il-każin tal-Partit Nazzjonalista magħluq u tajt żewġ tiri mal-bieb. Daqshekk b’kollox bi tpattija talli Michel Farrugia ried isawwatni.’**

**“U aktar ‘l isfel:**

**“‘Għalija (fil-każin) ma kien hemm ħadd għaliex il-bieb tal-każin kien magħluq.’**

**“‘Le ma kontx naf (li kien hemm in-nies). Mela hawn xi każin li jkollu n-nies bil-bieb magħluq? (fol 43) ’**

**“‘Le ma mortx biex noqtlu (lil Michel Farrugia). Biex inbeżżgħu.’**

**“‘Niftakar li l-ħġieġ tal-karozza (Kia ta’ Michel Farrugia) kissirthom b’idi. Bid-daqqiet tal-ponn kif qed nurikom.’**

**“A fol 44 l-akkużat kien qal li meta xtara s-senter kienu qalulu li kien mingħajr liċenzja u huwa ma kienx jaf li kien misruq.**

**“U a fol 44 qal: ‘Jien ma kontx naf li t-tiri se jinfdu u biex x’ħin jarahom Michel filgħodu ma joqgħodx jaqbad miegħi.’**

**“Fix-xhieda mogħtija fl-Inkjesta Maġisterjali l-akkużat qal:**

**“‘Kien fl-elezzjoni meta tani daqqa ġo ħalqi…….Meta mort il-każin tan-Nazzjonalisti lanqas kont naf li kien ħa jkun hemm hu. Dħalt ġol-bar nixrob. Wara ġie Michel u beda jagħtini. Tas-senter ma nafx kif ġie. Ma kontx qed inġorr is-senter fil-karozza tiegħi.’**

**“Id-difiża qed tissottometti li dawn l-istqarrijiet għandhom jitqiesu inammissibbli ġaladarba issa hemm deċiżjonijiet mill-Qorti Kostituzzjonali dwar dan il-punt. Għalhekk m’għandhomx jingħataw lill-ġurati. Lanqas m’għandhom jingħataw lill-ġurati u fl-istess ħin ikun [hemm] direzzjoni mill-Imħallef dwar kif għandhom iqisu dawn it-tali stqarrijiet. La l-ġurati jkunu [r]aw l-istqarrijiet dawn ser ikunu nfluwenzati bihom minkejja kull direzzjoni. Irreferiet ukoll għall-artikolu 581 tal-Kap 9 li kien meqjus bħala li jikser id-drittijiet fondamentali tal-bniedem u xorta għadu fil-Kodiċi iżda fil-prattika ma jingħatax kasu.**

**“L-Avukat Ġenerali ma qabilx ma’ dan. Huwa ssottometta li l-każ Salduz vs Turkey kellu karatteristiċi għalih u kull każ għandu jitqies waħdu u mhux bilfors b’referenza għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ewropea f’dan il-każ partikolari. Min-naħa l-oħra l-artikoli fil-Kap 9 dwar il-validita` o meno tal-istqarrijiet għadhom ireġu.**

**“Ikkonsidrat**

**“L-Istqarrijiet it-tnejn ittieħdu qabel l-10 ta’ Frar 2010. M’hemm ebda dubju li huma ttieħdu skont kif kienet il-Liġi dak iż-żmien li ma kienet tippermetti ebda konsultazzjoni ma’ avukat.**

**“Il-Każ ‘Salduz versus Turkey’ kien deċiż fis-27 ta’ Novembru 2008 waqt li dawn il-ġrajja allegatament seħħu fl-20 ta’ Diċembru 2008 jiġifieri 21 jum wara.**

**“L-erba’ artikoli 658 – 661 tal-Kap 9 (Titolu II ‘Fuq il-Konfessjoni) ma jidhru li sallum qatt ma kienu emendati minn meta saru parti mill-Kodiċi Kriminali. Fihom hemm x’għandu jkun aċċettat bħala prova minn konfessjoni u li l-konfessjonijiet ma jagħmlux prova ħlief kontra min jagħmilhom. Mela fl-istess dispożizzjonijiet għandek x’inhu aċċettat bħala prova u x’għandu jkun eskluż.**

**“Id-difiża rreferiet għad-deċiżjonijiet Kostituzzjonali dwar każi diversi. Iżda dawn il-każi ddeċidew każi partikolari u ma ħassru ebda liġi jew xi parti mill-Kodiċi Kriminali.**

**“Huwa tassew li skont l-artikolu 3 tal-Kap 319:**

**“‘3. (1) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali għandhom isiru, u jkunu esegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta’ Malta.**

**(2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.’**

**“Iżda is-subinċiż (2) ta’ dan l-artikolu ma jagħtix *carte blanche* lil kull Qorti li tieħu deċiżjoni hi dwar x’inhu konsistenti u x’mhux konsistenti mal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-fatt l-istess Kap jimxi mal-proċeduri mfasslin fil-Kostituzzjoni dwar allegazzjonijiet ta’ ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u jindika lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili u lill-Qorti Kostituzzjonali bħala l-Qrati li jiddeċiedu dawn il-vertenzi.**

**“L-artikolu li għadu kif ġie ċitat hawn fuq huwa għal kollox differenti mill-artiklu 3 li nsibu fil-Human Rights Act 1998 tal-Ingilterra li jgħid hekk:**

**“‘3. (1) So far as it is possible to do so, primary legislation and subordinate legislation must be read and given effect in a way which is compatible with the Convention rights.’**

**“Dan l-artikolu jagħti mano libera lill-Qrati Ingliżi fl-applikazzjoni tal-Liġijiet li ma nsibux fit-test Malti. L-aktar li waslu l-Qrati Maltin kien li, f’kawżi ta’ libel, jifhmu l-liberta` tal-espressjoni ai termini tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Iżda hemm differenza kbira tiddeċiedi fuq jekk persuna kenitx libellata jew le fid-dawl tal-każistika tal-Qorti Ewropea u tiddeċiedi dwar ammissibilita` ta’ prova o meno meta tali prova għandu dispożizzjonijiet ċari dwarha.**

**“Id-difiża rreferiet għall-artikolu 581 tal-Kap 9. Imma d-deċiżjoni dwar dan l-artikolu kien propju attakk fuq l-artikolu. S’issa m’hemmx deċiżjoni li l-artikoli dwar ‘Il-Konfessjoni’ b’xi mod jilledu d-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tieħu d-deċiżjoni fuq l-artikolu 581 jew il-konsegwenzi tiegħu bħala analoġija ma’ deċiżjonijiet li jittrattaw in-nuqqas ta’ konsulenza ma’ avukat waqt li l-akkużat kien għand il-Pulizija.**

**“Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li ma tistax tilqa’ din it-tielet eċċezzjoni tal-akkużat u qed tqis iż-żewġ stqarrijiet bħala ammissibbli bħala prova.**

**“Ir-raba’ eċċezzjoni**

**“Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:**
**“‘L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta’ Dr Stefano Filletti (a fol 198 et seq) in kwantu hija in vjolazzjoni tat-tielet *proviso* tal-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali.’**

**“L-artikolu 548 jgħid hekk:**

**"'Iżda wkoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 552(2) ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xhieda tagħhom bil-miktub u jistabilixxi l-fatti relevanti.'**

**"L-ewwelnett, skont is-sottomissjoni tal-Avukat Ġenerali stess, dawn ix-xhieda kollha taw ix-xhieda tagħhom fl-Istruttorja u kkonfermaw dak li kienu xehdu quddiem il-perit maħtur mill-Qorti Dr Stefano Filletti.**

**"Il-Qorti qed tirreleva li Dr Stefano Filletti ma ħax ix-xhieda biss iżda għamel diversi konstatazzjonijiet fuq il-post li ġew inklużi fir-rapport.**

**"Barra minn dan fil-fehma tal-Qorti il-*proviso* tal-artikolu 548 la jikkontempla xi nullita` u lanqas xi inammissibilita`. L-intenzjoni wara dan il-*proviso* huwa li jitnaqqsu l-ispejjeż u xejn aktar. Ikun hemm ċirkustanzi fejn ix-xhieda jridu jinstemgħu immedjatament u n-numru tagħhom ikun wisq biex ilaħħaq il-Maġistrat Inkwerenti magħhom.**

**"Fl-aħħarnett hemm il-perikolu li dak li kkonfermaw ix-xhieda waqt is-smigħ fl-istruttorja ma jkollux id-dokument indispensabbli li għalih ikunu rreferew l-istess xhieda.**

**"Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din ir-raba' eċċezzjoni.**

**"….**

**"Is-Sitt Eċċezzjoni**

**"Din l-eċċezzjoni hija din:**

**"'L-inammisibbilita` tax-xhieda u tar-relazzjonijiet rispettivi ta' PC 1525 Patrick Farrugia, PS Alfio Borg u PC 881 Charles Grech in kwantu ma ngħataw ebda nomina mill-Maġistrat Inkwirenti.'**

**“Id-difiża qed tissottometti li jrid ikun hemm in-nomina u rreferiet ukoll għas-sentenza ‘Il-Pulizija vs John Magro tat-23 t’Awwissu 2010. Min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali qed jgħid li dawn xehdu fil-kumpilazzjoni u qalu x’nomina għandhom. Għalhekk m’hemm ebda preġudizzju għall-akkużat għaliex dawn huma nies li jafu x’għandhom jagħmlu u x’ħiliet speċjali għandhom bżonn biex iwettqu ċertu xogħol.**

**“L-ewwelnett il-Qorti rat is-sentenza kkwotata b’approvazzjoni mid-difiża. Iżda din is-sentenza kienet waħda sommarja fuq inċident sempliċi u li damet tkarkar is-snin għax qatt ma kien isir xogħol fiha. Iżda l-proċeduri odjerni mhumiex sommarji għaliex jinkludu akkużi li bilfors iridu jinstemgħu mill-Qorti Kriminali. Isem dawn l-uffiċjali huwa mniżżel fil-lista tal-persuni nominati mill-Maġistrat Inkwirenti f’digriet apposta (ara fol 114) u jekk fid-digriet ma jidhirx l-għan għalfejn inħatru dawn it-tliet esperti, mir-relazzjoni tagħhom (li kienet ikkonfermata bil-ġurament) għalfejn inħatru. Ara, per eżempju, fol 377 – relazzjoni ta’ PC 1525 Patrick Farrugia fejn jgħid li nħatar mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jagħmel eżamijiet forensiċi għall-iżvilupp ta’ impronti diġitali u eżamijiet ta’ restawr ta’ numri serjali oriġinali.’ L-istess jagħmel is-surġent 516, a fol 349 fejn jgħid li kien ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti bħala espert tal-fotografija sabiex jiġbed video.**

**“Fil-prattika, il-Maġistrat Inkwirenti l-ewwel jaħtar il-minimu ta’ esperti neċessarji li jintalab mill-uffiċjali li jkunu fuq il-post. Imbagħad iniżżel fin-Notebook tiegħu ismijiet oħra ta’ esperti oħra li jkun intalab jaħtar (ħafna drabi permezz tat-telefon) hekk kif l-inkjesta minnha nnifisha tkun titlob aktar esperti f’oqsma differenti jew aktar speċjalizzati bħalma tidher in-nomina sabiex ikun jirrestawra n-numru serjali oriġinali.**

**“Il-fatt li fid-digriet tal-Maġistrat Inkwirenti jidhru dawn l-ismijiet u ħdejhom m’hemmx indikat eżatt x’għandu jsir bl-ebda mod ma jnaqqas mill-ammissibilita` ta’**

**dawn il-provi. Dawn l-individwi m'għandhom ebda interess li jidħlu għall-inkarigu li għalih ma ser jirċievu ebda ħlas żejjed u huma marbuta mat-taqsima forensika tal-Pulizija.**

**"Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din is-sitt eċċezzjoni wkoll."**

**6.** Minn dawn il-partijiet tas-sentenza tas-6 ta' Jannar 2012 appella, kif ingħad, l-akkużat, li talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma laqgħetx l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-sitt eccezzjonijiet u minflok tilqa' dawn l-eċċezzjonijiet u tikkonfermaha fil-bqija. L-erba' aggravji ta' l-appellant se jiġu kkunsidrati *seriatim*:

**7.** <u>L-ewwel aggravju</u> ta' l-appellant jikkonsisti fil-fatt li, skont hu, l-ewwel eċċezzjoni tiegħu dwar l-Għaxar Kap. ta' l-Att ta' Akkuża ġiet erronejament miċħuda. L-appellant jissottometti hekk:

"Illi ġie deċiż diversi drabi li jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkuat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil (ara, per eżempju, is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Paul Busuttil*** (23.06.1994). Dawn l-elementi ma jirriżultawx fil-parti narrativa ta' l-għaxar kap ta' l-att ta' l-akkuża.

"Illi l-Avukat Ġenerali għamel referenza għal xi partijiet ta' l-att ta' l-akkuża, ċitati b'approvazzjoni anke fis-sentenza appellata, sabiex juri li din il-kontravvenzjoni kienet effettivament tirriżulta mill-parti narrattiva. Jingħad bl-akbar rispett illi għalkemm mill-brani ċitati jistgħu b'xi mod

jirriżultaw reati oħra, dawn ċertament ma jinkludux il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali."

**8.** Huwa evidenti li din l-eċċezzjoni hi msejsa fuq dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-*proviso* tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kap. 9, u cioe` li l-Att ta' Akkuża jkun null "…meta l-fatt miġjub fl-Att ta' l-Akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att."

**9.** Issa, biex tirnexxi eċċezzjoni bħal din jeħtieġ li jirriżulta li l-fatti kif deskritti fl-Att ta' Akkuża jew fil-Kap ta' l-Att ta' Akkuża li jkun qed jiġi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jiġi addebitat l-akkużat f'dak l-att jew f'dak il-Kap (ara Appelli Kriminali **Ir-Republika ta' Malta v. Aibrahim Bashir Ben Matue**, 15 ta' Frar 1996; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Gatt et**, 22 ta' Mejju 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici**, 22 ta'April 2004). F'dawk is-sentenzi ġiet ċitata ġurisprudenza kopjuża ħafna fejn intqal ukoll li fl-eżami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mal-parti akkużatorja, il-Qorti trid toqgħod fuq il-fatti kif miġjuba fl-Att ta' Akkuża u mhux fuq il-fatti kif jistgħu jirriżultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistgħu jirriżultaw fil-kors tal-ġuri.

**10.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Frederick Joseph Grech** mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fit-28 ta' Diċembru 2009 intqal dwar l-imsemmi paragrafu (b) tal-*proviso* tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 449:

**"Jibda biex jingħad li l-paragrafu (b) aktar 'l fuq imsemmi jitkellem dwar li l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi "fis-sustanza" ir-reat li jkun ġie addebitat lill-akkużat, u għalhekk jekk dak il-fatt "fis-sustanza" – u mhux neċessarjament bl-użu ta' kliem preċiżi jew sagramentali – jammonta għar-reat dedott, ma jkun hemm ebda nullita` tal-Att ta' Akkuża (jew ta' xi kap partikolari tiegħu skond il-każ). L-iskop kemm ta' din id-disposizzjoni kif ukoll tal-paragrafu (a) tal-istess**

***proviso*** **tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 hu li minn banda l-akkużat ikun jaf sew biex qed jiġi akkużat u għalhekk għal x'hiex irid jiddefendi ruħu, u, fit-tieni lok, li persuna, wara l-verdett tal-ġurati – verdett li, fir-realta`, huwa dikjarazzjoni li ċerti fatti avveraw ruħhom – ma tiġix ikkundannata għal fatt li ma jammontax għal reat."**

**11.** Minn qari, anke superfiċjali, ta' l-Għaxar Kap. ta' l-Att ta' Akkuża, ma jista' jkun hemm ebda dubbju li dak li qed jiġi akkużat bih l-appellant huwa r-reat kontemplat fil-paragrafu (dd) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali. Il-parti narrattiva ta' dan il-Kap. jgħid testwalment:

**"Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u partikolarment b'referenza għall-fatti indikati fl-ewwel, fit-tmien u fid-disa' kapi, u ċioe` nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u l-għaxra fil-għaxija (21:00hrs - 22:00hrs) ġewwa l-Mqabba, minħabba l-atteġġjament tal-akkużat filwaqt li kien qed jissara mal-pulizija li kienu fuq il-post apparti l-isparaturi volontarji li hu spara waqt li kien fil-Pjazza tal-Knisja fid-direzzjoni tal-Każin tan-Nazzjonalisti in kwistjoni, u anki minħabba l-fatt li waqt li kien qed jissara mal-pulizija kien qed jgħajjat u jipprovoka lil min kien fil-każin sabiex joħorġu barra b'vuċi għolja u b'hekk għamel ħafna storbju, l-akkużat volontarjament iddisturba l-paċi u l-kwiet f'post pubbliku."**

**12.** Forsi l-appellant baqa' mpressjonat bil-fatt illi f'din il-parti narrativa qed issir referenza għall-fatti ndikati fl-ewwel, fit-tmien u fid-disa' kapi. Iżda din il-parti narrativa tgħid aktar minn hekk. Tagħmel referenza wkoll għall-issarar mal-Pulizija, l-għajjat u l-provokazzjonijiet diretti lejn nies li kien hemm fil-każin. Jekk jirriżultaw dawn il-fatti, m'hemmx dubju illi dan l-istorbju kollu kien kapaċi li jnissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ il-persuni li kienu fil-każin dwar l-inkolumita` fiżika tagħhom, *multo magis* jekk jirriżultaw fatti li għalihom jirreferu t-tliet Kapi l-oħra ċitati. Imbagħad, kif inhu risaput, l-istess fatti

jistgħu jikkostitwixxu l-elementi ta’ aktar minn reat wieħed. Għalhekk, jekk ikun il-każ, m’hemm xejn x’iżomm Qorti milli tiddikjara reat wieħed assorbit f’ieħor. Fi ftit kliem dan l-ewwel aggravju huwa altament fieragħ u qiegħed jiġi miċħud.

**13.** <u>It-tieni aggravju</u> jirrigwarda t-tielet eċċezzjoni li l-appellant isostni li ġiet skartata nonostante pronunzjamenti ċari u inekwivoċi tal-Qorti ta’ Strasbourg u tal-Qorti Kostituzzjonali. Jgħid:

“Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet li l-istqarrijiet mogħtija mill-esponent kienu ammissibbli bħala prova esklussivament a bażi ta’ dak li jgħidu d-disposizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi Kriminali. Fil-fatt il-Qorti anke osservat li fil-liġi tagħna ma hemm ebda disposizzjoni simili għall-artikolu 3(1) tal-*Human Rights Act 1988* ta’ l-Ingilterra.

“Illi bilkemm hemm għalfejn jingħad illi dan l-argument sempliċistiku diffiċilment jista’ jiġi kombaċjat ma’ battalja serja kontra l-leżjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Jekk din id-deċiżjoni hija stedina sabiex l-esponent jintavola kawża quddiem Qorti ta’ Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali allura kien ikun forsi iktar utili għalih li kieku dan intqal espressament fis-sentenza. Naturalment il-fatt li l-istess Qorti, diversament presjeduta, tat deċiżjonijiet differenti fir-rigward ta’ eċċezzjonijiet simili, ikompli biss iżid l-inċertezza f’kamp fejn iċ-ċertezza hija obbligu. L-esponent diffiċilment jista’ jifhem kif stqarrijiet meħudin b’mod leżiv għad-drittijiet tiegħu jiġu dikjarati bħala ammissibbli!”

**14.** Qabel xejn għandu jingħad li l-Qorti Kostituzzjonali ta’ pajjiżna ġia` kellha okkażjoni aktar minn darba tispjega t-tifsira korretta tal-“pronunzjamenti ċari u inekwivoċi tal-Qorti ta’ Strasbourg u tal-Qorti Kostituzjonali” u din ma tikkorrispondix mal-intendiment li jidher li għandu l-appellant ta’ dawk il-pronunzjamenti li jidher li skont hu jfissru li meta stqarrija tingħata minn suspettat mingħajr l-assitenza ta’ avukat din tissarraf awtomatikament fi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq u konsegwentement fl-inammissibilita’ awtomatika tagħha. Hekk, fis-sentenza mogħtija fit-8 ta’ Ottubru 2012 mill-

Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali,** fejn ġie deċiż li ma kienx hemm ksur ta' smigħ xieraq fiċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ fejn ukoll l-imsemmi Muscat ma kellux assistenza legali, u wara li dik il-Qorti spjegat l-import tas-sentenzi relevanti tal-Qorti ta' Strasbourg, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet kif ġej:

**"14. Din il-qorti ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarita`, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet.**

**"….**

**"25. Partikolarment relevanti huwa dak li jingħad fil-bidu tal-para. 52 [fil-każ ta' Salduz vs It-Turkija]: "National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings"[1]. Ir-referenza hawnhekk hija għall-konsegwenza ta' inferenza sfavorevoli ("adverse inference") kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu. Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-**

---

[1] Ara wkoll Płonka v. Il-Polonja, para. 34.

**seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa’ sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta’ parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta’ liberament u bla konsegwenzi ta’ xejn jagħżel li ma jweġibx. Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet.**

**“26. Relevanti wkoll dak li jingħad fil-para. 54: “This right [to assistance by a lawyer] indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused”. Fil-każ tallum ma saret ebda allegazzjoni ta’ theddid, vjolenza jew abbuż.**

**“27. Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropeja wkoll fl-istess każ ta’ Salduz osservat illi l-għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f’hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa: ‘Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial *if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced* by an initial failure to comply with its provisions.’[2]”**

**“28. Naraw issa kif dawn il-prinċipji jolqtu l-każ tallum.**

**“29. Fil-każ tallum l-attur kien raġel matur li ġà kien qiegħed jiskonta sentenza fil-faċilità korrettiva meta kien interrogat: l-istqarrija għamilha fis-7 ta’ Awissu 2002 u kien ilu l-ħabs mill-1994. Kellu esperjenza ta’ interrogazzjoni mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma oħra ta’ vulnerabilità hekk li**

[2] Salduz v. it-Turkija, para. 50 (enfasi miżjud).

**faċilment ikun intimidit bl-ambjent fejn issir l-interrogazzjoni. Għalhekk, ma hemmx il-fattur li wassal għal sejbien ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każijiet ta' Il-Pulizija v. Esron Pullicino[3], fejn il-persuna interrogata kienet għadha minorenni, u ta' Il-Pulizija v. Alvin Privitera[4], fejn il-persuna interrogata kienet ilha biss erba' xhur li għalqet it-tmintax-il sena.**

**"30. F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-każ ta' Paskal v. l-Ukrajna[5]: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed"[6].**

**"31. Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'libertà sħiħa. Ma hemm ebda xiehda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-libertà fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awtoinkriminazzjoni.**

**"32. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tallum fit-2 ta' Diċembru 2010 – wara li kienet magħrufa s-sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jieħu lura l-istqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx qiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrija li, wara kollox, għamilha liberament.**

**"33. Meta tqis ukoll illi l-attur għad irid igħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrija ta' l-akkużat; illi matul dan il-proċess l-attur sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-perikolu illi joqogħdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeċiedu dwar ħtija, bla ma jqisu**

3 Q. Kost. 12 ta' April 2011, rik. 63/2009.
4 Q. Kost. 11 ta' April 2011, rik. 20/2009.
5 Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.
6 Para. 78.

**wkoll il-provi l-oħra, u illi l-imħallef saħansitra jista' jwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tinġieb xiehda – li ma tressqitx quddiem din il-qorti – li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, din il-qorti hija tal-fehma illi ma ntwera ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq bit-teħid tal-istqarrija tal-attur mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat.**

**"34. Bħala garanzija addizzjonali, din il-qorti sejra tordna illi kopja ta' din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess kriminali sabiex il-paragrafu ta' qabel dan jinġieb għall-attenzjoni tal-ġudikanti tad-dritt u tal-fatt."**

**15.** L-insenjament awtentiku u l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali f'din il-materja ġie riassunt fil-bran li ġej mis-sentenza tal-istess Qorti tas-26 ta' April 2013 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Martin Dimech** fejn jingħad :

**"Din il-qorti ġà kellha okkażjoni illi tgħid illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilità tal-persuna interrogata, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq."**[7]

**16.** Fil-każ ta' llum din il-Qorti ma ġewx indikati lilha ebda ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita` fiż-żmien li l-appellant irrilaxxja l-istqarrija u x-xiehda in kwistjoni u li jistgħu jinduċu lil din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat meta ttieħdet l-istqarrija u ngħatat ix-xiehda l-użu ta' dik l-istqarrija u xiehda fil-kors tal-ġuri twassal għal smigħ mhux xieraq fil-konfront tal-appellant. Ma rriżultat ebda ċirkostanza li

---

[7] Ara wkoll Qorti Kostituzzjonali **Joseph Bugeja v Avukat Ġenerali**, 14 ta' Jannar 2013, rik. 70/2011

tirrendi l-istess stqarrija u xiehda inammissibbli skont il-liġi.

**17.** Iċ-ċirkostanzi ta' l-appellant u ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdu l-istqarrija u x-xiehda, jifformaw parti mill-provi li se jinġiebu a konoxxenza ta' l-imħallfin tal-fatti. L-istess bħalma jifforma parti mill-provi dak li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u ċ-ċirkostanzi li fihom ikun qalhom (f'dar-rigward l-appellant ma ndika l-ebda xhud partikolari li qiegħed jilmenta dwaru). Difatti, bħal fil-każ ta' **Muscat**, l-appellant għad irid jgħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi <u>kollha</u>, u mhux biss l-istqarrijiet tiegħu; illi matul dan il-proċess huwa sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-ħtieġa li l-provi kollha, inkluża l-istqarrija u x-xiehda li ssemmiet, isir apprezzament tagħhom fl-assjem tagħhom meta jiddeċiedu dwar ħtija. L-imħallef saħansitra ċertament ser iwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrijiet jekk tinġieb xiehda li l-istqarrijiet ttieħdu bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Sta wkoll għall-imħallef togat biex jara x'kawteli jridu jittieħdu mill-imħallfin tal-fatti dwar xi diskors li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u f'liema ċirkostanzi ntqal dak id-diskors. Konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa miċħud.

**18.** Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> l-appellant isostni li r-raba' eċċezzjoni tiegħu ma kellhiex tiġi miċħuda. Skont l-appellant:

"Illi jidher ċar li hawnhekk il-Qorti Kriminali għamlet minn kolliox sabiex issalva r-relazzjoni ta' Dr. Stefano Filletti. Issa din ir-relazzjoni ttieħdet manifestament in vjolazzjoni tat-tielet *proviso* ta' l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali. Ciononostante din ir-relazzjoni ġiet salvata wara osservazzjonijiet lakoniċi tat-tip li 'skont is-sottomissjoni ta' l-Avukat Ġenerali stess (*sic!*), dawn ix-xhieda kollha taw ix-xiehda tagħhom fl-Istruttorja u kkonfermaw dak li kienux ehdu quddiem il-perit maħtur mill-Qorti ….' (*sic!*) u li 'Dr Stefano Filletti ma ħax ix-xiehda biss iżda għamel diversi konstatazzjonijiet fuq il-post li ġew inklużi fir-rapport' (*sic!*). Jingħad bl-akbar rispett li sabiex Qorti tiddipartixxi

serjament minn dak li tgħid il-liġi forsi huma neċessarji argumenti ta’ natura legali daqsxejn iktar b’saħħithom!”

**19.** It-tielet *proviso* ta’ l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali jgħid *expressis verbis*:

“**Iżda wkoll, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 552(2), ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma’ x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti.** ”

**20.** Issa, mill-proċess verbal jirriżulta illi fid-digriet tan-nomina ta’ l-esperti il-Maġistrat Inkwirenti nnomina lill-Avukat Dottor Stefano Filletti “bħala espert legali biex jieħu x-xiehda neċessarji u jistabilixxi l-fatti kollha rilevanti dwar il-każ”. Jiġifieri L-Avukat Filletti ġie nominat preċiżament biex jagħmel dak li l-liġi stess tgħid li m’għandux isir. B’danakollu il-liġi ma kkominat ebda nullita` marbuta man-nuqqas tal-Maġistrat Inkwirenti. Ma hemm xejn x’jeskludi li l-Avukat Filletti jiġi prodott bħala xhud ordinarju sabiex jixhed dwar il-konstatazzjonijiet fattwali li huwa għamel meta aċċeda fuq il-post ta’ l-inċident u biex jikkonferma l-korrettezza tad-dikjarazzjonijet li sarulu u li ġew riportati minnu, naturalment safejn dan ikun meħtieġ. Għalhekk ma hemm xejn li jostakola l-użu tad-dikjarazzjonijiet msemmija, kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża għall-finijiet ta’ kontroll, ġaladarba x-xhieda kollha minnu mismugħa xehdu waqt il-kumpilazzjoni u sejrin jiġu prodotti sabiex jixhdu *viva voce* waqt il-ġuri. Kwindi, u salv dak li jipprovdi l-ewwel *proviso* tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali[8], ir-relazzjoni ta’ l-Avukat Filletti għandha tibqa’ parti mill-provi iżda ma titqassamx lill-ġurati. Difatti xiehda preċedenti tinqara u titqassam f’każ li fl-okkażjoni li

[8] 646(2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista’ tinġieb bħala prova:
Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat *viva voce* kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista’ jinsab u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (8):

jkun qiegħed jiġi ċelebrat il-ġuri, **“ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista’ jinsab”**.

**21.** <u>Ir-raba’ aggravju</u> ta’ l-appellant jikkonsisti fil-fatt li, skont hu, is-sitt eċċezzjoni kellha tiġi milqugħa. L-appellant isostni li d-dikjarazzjonijiet tal-Qorti Kriminali fis-sens li l-esperti kienu jafu sew x’kien l-inkarigu tagħhom, tant li fix-xiehda tagħhom speċifikaw l-inkarigu u l-irwol li ġew mogħtija mill-Maġistrat Inkwirenti, huwa ferm preokkupanti. L-appellant jgħid illi huwa preokkupanti wkoll li l-Qorti donnha qed taċċetta xi proċedura ġdida tan-*notebook* u tat-*telephone* ta’ kif għandhom isiru n-nomini mill-Maġistrat Inkwirenti – Maġistrat li jaħdem id f’id mal-Pulizija fl-inkjesta mingħajr ebda forma ta’ kontroll mid-difiża fil-każ ta’ kawża eventwali. L-appellant jirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John M. Magro** fit-23 ta’ Awissu 2010, u jesprimi s-sorpriża tiegħu dwar kif ġiet skartata mill-ewwel Qorti. Jissottometti ulterjorment:

“Illi fil-każ ta’ P.C. 1525 Patrick Farrugia, P.S. 576 Alfio Borg u P.C. 881 Charles Grech lanqas biss tirriżulta xi nomina nebuluża bħalma ġara fil-każ ta’ **Magro**, *supra*. Huwa ferm preokkupanti li jiġi allegat li kull espert ikun jaf perfettament il-qasam tal-professjoni tiegħu u li fix-xiehda tagħhom speċifikaw l-inkarigu u l-irwol illi huma ġew mogħtija mill-Maġistrat Inkwirenti. Naturalment dan kollu qiegħed jingħad mingħajr preġudizzju għall-fatt li din is-sentenza qiegħda tbiddel il-ġurisprudenza msejjsa fuq dak li tgħid il-liġi u hija bl-akbar rispett stedina għall-pressapokiżmu u tista’ addirittura twassal għal abbuż da parti ta’ min irid eventwalment iressaq persuna suspettata l-Qorti u anke da parti ta’ l-istess esperti.”

**22.** Din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Martin Dimech** mogħtija fit-28 ta’ Frar 2012 fuq eċċezzjoni simili, qalet hekk:

**“8. Din il-Qorti żżid tgħid, pero`, li l-Qorti (jew il-maġistrat fil-kors ta’ l-inkjesta dwar l-*in genere*) li tinnomina espert fi branka ta’ ħila jew sengħa speċjali**

**m'għandhiex għalfejn tispeċifika bid-dettalji kollha dak kollu li dak l-espert għandu jagħmel. Infatti l-Qorti tagħti d-direttivi meħtieġa lill-esperti kull meta jkun hemm bżonn (*"… whenever it is expedient …"* fit-test Ingliż)(artikolu 650(5), Kap. 9). L-esperti hekk nominati, proprju minħabba l-*expertise* tagħhom, jibqagħlhom ukoll marġini ta' diskrezzjoni sabiex jagħmlu "ix-xogħol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengħa tagħhom (artikolu 653(1), Kap. 9)."**

**23.** Evidentement l-oġġezzjoni ta' l-appellant hija dwar il-proċess verbal numru 35/09 redatt mill-Maġistrat Dott. Silvio Meli a fol. 108 sa 131 ta' l-atti ta' l-Istruttorja. Kemm fid-digriet tan-nomina kif ukoll fil-proċess verbal innifsu ġew elenkati l-ismijiet ta' l-imsemmijin tliet esperti minnu nnominati mingħajr ma ndika l-iskop li għalih ġew nominati. Fl-istess ħin m'hemmx dubju illi t-tliet esperti in kwistjoni huma membri tal-Laboratorju tax-Xjenza Forensika u x-xogħol tagħhom huwa direttament relatat ma' konstatazzjonijiet fattwali li huma jagħmlu waqt l-investigazzjoni ta' delitti, bħalma huma t-teħid ta' impronti diġitali, it-teħid ta' ritratti, l-elevar ta' dokumenti, eċċ.

**24.** Issa, l-eċċezzjoni ta' inammissibilita` tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Fil-każ odjern in-nomina ta' l-esperti saret mill-Maġistrat Inkwirenti a tenur ta' l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali. Imbagħad is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 650 – reż applikabbli għall-*in genere* mill-ewwel *proviso* ta' l-imsemmi artikolu 548 – jipprovdi li: "Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa" (sottolinear ta' din il-Qorti). Naturalment sabiex ma jkunx hemm ekwivoċi hu desiderabbli li jkun hemm deskrizzjoni ta' l-inkarigu mogħti lill-esperti rispettivi fid-digriet tan-nomina. Fil-każ in eżami m'hemm l-ebda ekwivoku, peress illi kull wieħed mill-esperti ndika fir-relazzjoni tiegħu l-inkarigu speċifiku li kellu. Barra minn hekk, id-difiża jibqagħlha dejjem id-dritt li tikkontrolla dak li jiġi konstatat mill-esperti prodotti billi jekk hekk jidhrilha timpunja l-kompetenza, l-kredibilita` u l-affidabilita` tal-

istess esperti u tal-konklużjonijiet tagħhom. Konsegwentement ir-raba' aggravju huwa miċħud

**25.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, salv dak li ntqal fil-paragrafu 20 *supra* dwar ir-relazzjoni ta' l-Avukat Dottor Stefano Filletti għal dak li jirrigwarda l-użu li jista' jsir minn dik ir-relazzjoni, tiċħad l-appell fil-bqija. Tordna li l-atti jigu minnufih rimessi lill-Qorti Kriminali ghall-kontinwazzjoni tal-każ skond il-liġi u, b'referenza għall-ħelsien mill-arrest fil-pendenza tal-proċeduri, tordna li l-appellant jerġa' jitqiegħed fl-istess posizzjoni li kien fiha qabel ma ddaħħal fl-iżbarra llum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------